MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 711/2005

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta’ Awissu 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-appellant Christopher Carabott ressaq kaz quddiem it-Tribunal Industrijali fl-ismijiet hawn fuq premessi (kwistjoni numru 1523/JB fejn allega li huwa tkecca mill-impjieg tieghu mal-kumpanija konvenuta b’mod ingust.

Illi l-kumpanija konvenuta rrispondiet li t-tkeccija kienet wahda gustifikata a bazi ta’ ‘*redundancy’*.

Illi b’decizjoni ta’ l-4 ta’ Frar 2005, decizjoni numru 1582, dak it-Tribubal iddecieda li s-socjeta` konvenuta tterminat

l-impjieg ta’ l-attur ghal raguni valida fil-ligi, li kif spjegat aktar qabel fl-istess sentenza kienet wahda ta’ *redundancy.*

Illi t-Tribunal Industrijali kkonkluda li t-tkeccija ta’ l-attur kienet genwinament bazata fuq *redundancy* in rigward ta’ xoghol konness ma’ socjeta` estera bl-isem ta’ Whitehall International Incorporated USA, u ma ta ebda kas tal-fatt pacifiku u ppruvat li l-attur kien jaghmel hafna aktar xoghol minn dak konness mal-Whitehall International Corporation USA.

Illi t-Tribubal Industrijali mar kontra l-principju miktub tal-ligi dwar impjiegi u relazzjonijiet industrijali li “meta principal ikun bi hsiebu jtemm l-impjieg ta’ impjegat minhabba *redundancy*, hu ghandu jtemm l-impjieg ta’ dik il-persuna li tkun impjegata l-ahhar <u>fil-klassi</u> ta’ l-impjieg milquta minn dik ir-*redundancy*.”

Illi t-Tribunal Industrijali mar kontra l-principju miktub tal-ligi dwar impjiegi u relazzjonijiet industrijali li “kull impjegat li l-impjieg tieghu jigi mitmum minhabba *redundancy* ikun intitolat ghall-impjieg mill-gdid jekk il-post li kien jokkupa qabel jerga’ jkun ottjenibbli fi zmien perijodu ta’ sena mid-data ta’ tmiem l-impjieg.”

Illi ghalhekk l-istess attur talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali moghtija fl-4 ta’ Frar 2005 (decizjoni Numru 1582) fil-kwistjoni tax-xoghol numru 1523/JB fl-ismijiet Christopher Carabott vs Vivian Corporation Limited hi nulla u bla effett fil-ligi; u

2. Taghti kull provediment xieraq u opportun fic-cirkostanzi, inkluz jekk ikun il-kaz, li tirrimetti din il-kwistjoni tax-xoghol mill-gdid quddiem it-Tribunal Industrijali.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-18 ta' Novembru 2005.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 30 ta' Settembru 2005 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *stante* illi l-kompetenza taghha hija limitata ghal meta t-Tribunal imur *ultra vires* jew kontra r-regoli ta' gustizzja naturali jew is-sentenza tkun kontra l-ligi miktuba u m'ghandha l-ebda fakolta` tissindika *ex novo* l-mertu tal-kaz zvolt quddiem it-Tribunal Industrijali jew li tissostitwixxi l-apprezzament tal-provi tat-Tribunal b'dak taghha;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur *stante* illi s-sentenza numru 1582 moghtija fl-4 ta' Frar 2005 mit-Tribunal Industrijali fil-kaz numru 1523 "Kwistjoni tax-xoghol bejn Christopher Carabott u Vivian Corporation Ltd, dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta", hija gusta u mhiex kontra l-Ligi miktuba.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-18 ta' Novembru 2005 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Vanessa Borg ghas-socjeta` konvenuta u deher l-attur. Sussegwentement deher Dr. Leslie Cuschieri. Id-difensuri qablu li jigu allegati l-atti quddiem it-Tribunal Industrijali 1523/JB u l-provi mismugha quddiem

it-Tribunal ghandhom jiffurmaw parti ntegrali u jitqiesu bhala prova fil-kawza odjerna. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' Jannar 2006 ghall-prezentata ta' l-affidavits kollha ta' l-attur.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta tas-27 ta' Jannar 2006 u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-istess Qorti tal-14 ta' Marzu 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Vanessa Borg ghas-socjeta` konvenuta. L-attur u d-difensur tieghu ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta' Christopher Carabott datat 14 ta' Marzu 2006 (fol. 15) fejn l-esponent talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta din il-kawza u tqieghda mill-gdid fuq il-lista ta' kawzi ghas-smiegh; tindikalu jekk hija tixtieq li jinstemghu l-provi mill-gdid, f'liema kaz huwa jghaddi biex iressaq l-affidavits tieghu.

Rat id-digriet moghti ghar-rikors tal-14 ta' Marzu 2006 fejn il-Qorti ordnat qabel xejn lill-attur biex fi zmien ghaxart ijiem (10) jiddikjara b'nota xi provi fadal jitressqu bl-affidavit u *viva voce*, u fil-kaz li ghandu provi bl-affidavit jipprezenta l-affidavits kollha tieghu fi zmien tletin (30) gurnata bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti.

Rat in-nota ta' Christopher Carabott datata 20 ta' Marzu 2006 a fol. 19 tal-process; u n-nota l-ohra datata 28 ta' April 2006 (fol. 22) u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat din il-kawza ghas-smiegh ghad-29 ta' Novembru 2006, b'dan li s-socjeta` konvenuta ghandha tipprezenta l-affidavits taghha fi zmien tletin (30) gurnata mid-data tan-notifika ta' dan id-digriet u d-digriet ta' l-affidavits lis-socjeta` konvenuta a spejjez attrici, u nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex b'ordni tal-Qorti tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi kollha u l-kawza baqghet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-29 ta' Novembru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fit-23 ta' Novembru 2006 fejn id-difensuri ddikjaraw li huma ser joqghodu fuq il-provi

diga` migbura quddiem it-Tribunal Industrijali li kien igib kaz numru 1523 u deciz fl-4 ta' Frar 2005.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Christopher Carabott datata 11 ta' Jannar 2007 a fol. 32 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 16 ta' Frar 2007 a fol. 37 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tad-29 ta' Novembru 2006; u tas-27 ta' Frar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Vanessa Millo ghas-socjeta` konvenuta u Dr. Leslie Cuschieri ghall-attur prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat il-process allegat ma' l-atti ta' din il-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza titratta dwar l-ilment imressaq mill-attur kontra decizjoni tat-Tribunal Industrijali fil-kaz numru 1523/JB – Decizjoni Numru 1582 fl-ismijiet "Christopher Carabott vs Vivian Corporation Limited", fejn b'decizjoni moghtija fl-4 ta' Frar 2005 it-Tribunal iddecieda li s-socjeta' konvenuta tterminat l-impjieg ta' l-attur ghal raguni valida fil-ligi u cioe' minhabba *redundancy.* L-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni li din id-decizjoni hija nulla u bla effett fil-ligi ghar-ragunijiet imsemmija fic-citazzjoni u li se jigu trattati aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

Illi min-naha taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti. Inoltre'

eccepiet ukoll li d-decizjoni moghtija mit-tribunal hija gusta u mhiex miktuba kontra l-ligi.
Illi, qabel xejn, ghandu jinghad li dawn il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni generali biex jistharrgu l-imgieba ta' kull tribunal kwazi-gudizzjarju jew mahluq statutorjament (ara, per ezempju, fil-kawza fl-ismijiet **"Salvino Borg D'Anastasi vs Ian Decesare et noe et"** – A.C. – 13 ta' Gunju 2005). Dan jinghad ghaliex, fi stat ta' dritt, hadd mhu meqjus mir-rabta li jimxi kif tridu l-ligi, u jekk issir xilja li dik il-persuna ma mxietx skond il-ligi, huma l-Qrati li ghandhom is-setgha li jqisu l-ilment u li jaghtu r-rimedju jekk ikun il-kaz (**"Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino"** – P.A. (GCD) – 20 ta' Marzu 2003).

Illi skond l-**artikolu 28 (1) tal-Kap 266**, jinghad li t-Tribunal Industrijali ghandu "*gurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra u jiddeciedi kazijiet dwar tkeccija ngusta ghal kull ghan ….. u rimedju ta' haddiem hekk imkecci b'mod ingust ikun biss illi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali"*.

Illi ghalhekk fi kwistjonijiet ta' tkeccija ngusta mill-impjieg, din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni u ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal Industrijali, u dan aktar w aktar fid-dawl ta' **artikolu 31** tal-istess **Kap 266**, fejn l-istess Tribunal ghandu fil-procedura tieghu jizgura li ssir "*gustizzja skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u bla hsara tar-regoli tal-gustizzja naturali*". Dan huwa sostanzjalment riprodott fl-**artikolu 78 (3) tal-Kap 452.**

Illi fis-sentenza **"Cyberton Ltd vs Joseph Felice"** (P.A. (NC) – 1 ta' April 2003) gie deciz: -

*"Illi l-istess ligi li tikkonferixxi din il-gurisdizzjoni lit-Tribunal Industrijali, tistabilixxi l-parametri tal-operat tieghu. Dan johrog car mid-dispost tas-sub inciz (3) tal-Artikolu 31 fejn, wara li dan jaghti lit-Tribunal is-setgha li jirregola l-procedura li jadopera, l-istess Artikolu stipulat hekk: 'Tkun xi tkun il-procedura li tigi wzata, it-Tribunal ghandu jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-merti tas-sustanza tal-kaz; u, bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali …;*

*inoltre' s-sub inciz (4) tal-Artikolu 32 jiddisponi li : 'It-Tribunal m'ghandux jaghti xi sentenza jew decizjoni li tkun kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg'. Dawn huma l-parametri li fihom ghandu jiffunzjona t-Tribunal Industrijali li ghandu jassigura li l-operat tieghu jkun intra vires is-setghat lilu moghtija".*

*"Illi huwa proprju f'dan il-kuntest li l-gurisprudenza kostanti rrikonoxxiet il-gurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji biex jissindikaw l-operat u d-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali bil-ghan li jigi stabbilit jekk dan agixxiex skond is-setghat moghtija lilu bil-ligi".*

Illi mbaghad fis-sentenza **"Maltapost plc (C 22796) vs Matthew Camilleri"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2007 - Cit. Nru: 1149/05/RCP) gie ri-affermat:-

*"Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess is-sentenza "**John Holland et noe vs Julian Schembri**" (A.C. 20 ta' Mejju 1991) stabbiliet il-gurisdizzjoni tal-Qorti f'dawn il-kliem:-*

*"Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni limitata ghal meta t-Tribunal Industrijali tmur 'ultra vires' u/jew meta ma tkunx assikurata li l-gustizzja ssir skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u li tkun saret bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali u/jew meta t-Tribunal jaghti xi sentenza kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg."*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza "**Reno Alamango vs Mary Rose Ciantar**" (A.C. 29 ta' Mejju 1991) fejn inghad li dawn il-Qrati jistghu jissindikaw il-*lodo* tat-Tribunal Industrijali biss sabiex jaraw li l-istess Tribunal ma eccediex il-gurisdizzjoni tieghu, u sabiex jaraw li l-principju ta' gustizzja naturali gew segwiti fil-procedura taghhom u l-osservanza fl-istess *lodo* tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 31 (3) u artikolu 32 (4) tal-Kap 266.**

Illi fis-sentenza "**Thomas Montalto vs il-Maggur Stanley J A Clews et**" (P.A.F. 26 ta' Mejju 1987- Vol LXXI.II.668) jinghad illi:-

*"Mis-suespost titnissel neccessarjament il-konkluzjoni illi l-gurisdizzjoni tal-Qorti fir-rigward tat-Tribunal Industrijali hija dupplici. F'dawn iz-zewg vesti, il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika t-Tribunal u li tara li dan jimxi skond il-ligi u josserva l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti ghandha d-dritt li tissindika, meta tkun hekk giet mitluba u adita li t-Tribunal jagixxi fil-limiti tal-Ligi illi in forza taghha huwa kkostitwit. Evidentement, u ndubjament imbaghad, il-Qorti ghandha s-setgha li tara li t-Tribunal bl-ebda mod ma kiser xi wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem". (vide "**Salvina Borg D'Anastasi vs Jane Decesare et noe**" (P.A.F. 3 ta' April 1989 - Vol LXIII - III 753). '**Mario Vella Gatt noe vs Christopher Cassar**' (G.V. 24 ta' Marzu 1997 - Vol LXXXI - III).*

Illi dawn il-principji gew konsistentement segwiti minn dawn il-Qrati anke fid-decizjonijiet **"Salon Services Limited vs Elaine Dimech"** (P.A. (TM) 13 ta' Novembru 2003); **"Eden Leisure Group Ltd vs Salvino Borg D'Anastasi"** (A.C. – 27 ta' Gunju 2003); **"Raymond Fenech nomine vs Victor Fiorentino"** (P.A. (GCD) – 26 ta' Novembru 2002); **"Cyberton Limited vs Joseph Felice"** (P.A. (NC) l-1 ta' April 2003); **"S M Cables Limited vs Carmelo Monaco"** (P.A. (JRM) 14 ta' Frar 2002) fost ohrajn.

Illi fis-sentenza **"Power Projects Limited vs Stephen Agius et"** (P.A. (PS) - Cit Nru : 279/98/PS – 16 ta' Gunju 2003) gie sostnut:

*"In subjecta materja jrid jigi aggunt u ribadit illi kif enfasizzat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza* ***'Avukat Dottor Vincent Falzon nominee vs Isabelle Grima',*** *deciza fis-17 ta' Mejju 1993, 'il-ligi ma kkoncedietx id-dritt ta' appell mid-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali, u ghalhekk dawn il-Qrati Superjuri ma ghandhomx gurisdizzjoni biex jirriezaminaw jew jirrevedu l-meritu tal-kontroversja li giet deciza mit-Tribunal Industrijali'".*

Illi l-attur qed jilmenta mid-decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali fl-4 ta' Frar 2005 ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija:-

1) It-Tribunal Industrijali kkonkluda li t-tkeccija ta' l-attur kienet genwinament bazata fuq r*edundancy* fir-rigward ta' xoghol konness mas-socjeta' estera Whitehall International Incorporated USA, u ma ta ebda kas li l-attur kien jaghmel hafna aktar xoghol minn dak konness mal-imsemmija socjeta' estera;

2) It-Tribunal mar kontra l-principju miktub tal-ligi dwar impjiegi u relazzjonijiet industrijali li *'meta principal ikun bi hsiebu jtemm l-impieg ta' impjegat minhabba redundancy, hu ghandu jtemm l-impjieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-ahhar <u>fil-klassi</u> ta' l-impieg milquta minn dik ir-redundancy';*

3) It-Tribunal mar kontra l-principju miktub tal-ligi dwar impiegi u relazzjonijiet industrijali li *'kull impjegat li l-impieg tieghu jigi mitmum minhabba redundancy ikun intitolat ghall-impieg mill-gdid jekk il-post li kien jokkupa qabel jerga' jkun ottjenibbli fi zmien perjodu ta' sena mid-data ta' tmiem l-impieg'.*

Illi dwar l-ewwel ilment dan jikkoncerna l-apprezzament li t-Tribunal ghamel tal-provi li kellu quddiemu u l-konkluzjoni tieghu hekk bazata fuq dan l-istess apprezzament. Ghar-ragunijiet fuq esposti din il-Qorti m'ghandha l-ebda gurisdizzjoni biex tissindika mill-gdid il-mertu tal-kaz, b'dan li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak ta' l-istess organu. Izda anke kieku kellha tikkonsidrahom ma jidhirx li dak li qieghed isostni l-attur huwa fondat. Infatti jirrizulta mill-istess decizjoni li t-Tribunal ta kas tal-provi kollha li kellu quddiemu, anki li kien jaghmel xoghol iehor, u ddecieda abbazi taghhom. It-Tribunal qal hekk :

*"Gie anki minnu allegat li huwa seta' jibqa' impjegat u jaghmel xoghol iehor cioe' bhala qualified person. Jigi rilevat pero' l-iskop principali li ghalih gie mpjegat kien ghall-promozzjoni u bejgh tal-prodotti Whitehall. Il-kariga*

*ta' 'qualified person' kienet 'ancillary' u mhux esklussiva ghall-appellant".*

Illi ghal dak li jirrigwarda z-zewg ilmenti l-ohra, l-attur qed isostni li t-Tribunal mar kontra l-principju miktub tal-ligi dwar impiegi u relazzjonijiet industrijali. Ghalkemm jibbaza ruhu fuq hekk hawn ukoll effettivament qieghed jitlob minn din il-Qorti li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ma' dik ezercitata mit-tribunal. L-attur sostna fin-nota ta' sottomissjonijiet li t-tribunal anki kellu ragunijiet li fuqhom hassu sodisfatt li dan kien kaz genwin ta' *redundancy* huwa kellu mbaghad jinvestiga jekk tharsux ir-regoli tar-*redundancy.*

Illi fil-fatt jirrizulta li fid-decizjoni ta' l-istess tribunal dan iddecieda li kien hemm *redundancy* u investiga wkoll jekk tali regoli gewx osservati u bhala stat ta' fatt din hija dejjem ta' kompetenza ta' l-istess Tribunal. Fil-fatt jirrizulta mis-sentenza li effettivament t-tribunal fil-fatt investiga dan il-punt skond il-provi prodotti quddiemu tant huwa hekk li fis-sentenza nnifisha ntqal hekk :-

*"Illi s-socjeta' intimata assorbiet ix-xoghol li kien jaghmel l-appellant billi gie assunt u imferrex sia fuq il-management u sia fuq l-impjegati esistenti taghha stess. Dana jista' jigi definit bhala ristrutturar fin-numru tal-impjegati relatat mar-realta' attwali tal-istat tal-operazzjoni lokali tal-Whitehall. Minflok baqa' addett wiehed kien imexxi l-prodott taghha l-istess operazzjoni giet riformata fuq elementi gia prezenti fil-kumpanija".*

*"Gie pruvat li ma kienx ekonomikament vijabbli li jibqa' jinzamm fl-impjieg. Il-persuni li gie lilhom assenjat id-doveri tieghu jew kienu gia fl-impjieg jew gie moghti bil-part-time. Friedlander li kien imexxi aktar prodotti u doveri".*

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq esposti din il-Qorti thoss li minn dan kollu jirrizulta li l-allegazzjonijiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex id-decizjoni u *lodo* moghti mit-Tribunal Industrijali, decizjoni numru 1582 ta' l-4 ta' Frar 2005 fil-kwistjoni tax-xoghol numru 1523 fl-ismijiet

"Christopher Carabott vs Vivian Corporation Ltd" dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta, saret skond il-ligi u nghatat fil-kompetenza ta' l-istess Tribunal Industrijali abbazi ta' dak hawn deciz. Ma hemm xejn fl-istess decizjoni li jmur kontra l-ligi u d-decizjoni kif moghtija kienet fil-kompetenza ta' l-istess Tribunal u b'hekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------